

## II

(Attie mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) NRU 957/2014

tal-10 ta' Settembru 2014

**li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 rigward it-tnejhija ta' esteri tal-aċidu montaniku (E 912)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(3) u 14 tiegħi,

Billi:

- (1) L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jistabbilixxi lista tal-Unjoni tal-addittivi tal-ikel approvati għall-użu fl-ikel u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 (²) jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elen-kati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008.
- (3) L-esteri tal-aċidu montaniku (E 912) huma xemgħat awtorizzati bħala aġenti tal-kisi biex jiġi ttrattat il-wiċċi tal-frott taċ-ċitru, il-bettieħ, il-papaja, il-mango, l-avokado u l-ananas skont l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008.
- (4) L-Artikolu 32(1) tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jistipula li l-addittivi tal-ikel kollha li kienu digħi permessi fl-Unjoni qabel l-20 ta' Jannar 2009 huma soġġetti għal valutazzjoni tar-riskju ġidida mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-ikel ("l-Awtorità").
- (5) Għal dak il-għan, programm għall-valutazzjoni mill-ġdid tal-addittivi tal-ikel huwa stabbilit fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 257/2010 (³). Skont ir-Regolament (UE) Nru 257/2010, il-valutazzjoni mill-ġdid tal-addittivi tal-ikel għajr il-kuluri u sustanzi li jagħtu l-ħlewwa għandha ssir sal-31 ta' Diċembru 2018. Madankollu, ċerti addittivi tal-ikel, inklużi l-esteri tal-aċidu montaniku (E 912), għandhom prioritā oħla u għandhom jiġu evalwati qabel.
- (6) Skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) Nru 257/2010, l-operatur(i) kummerċjali interessati u kwalunkwe parti interessata oħra għandhom iressqu d-dejta relatata mal-valutazzjoni mill-ġdid ta' addittiv tal-ikel fil-perjodu stabbilit mill-awtorità fis-sejħa tagħha għad-dejta.
- (7) Fil-15 ta' Frar 2012, l-Awtorità nediet sejħa pubblika għal dejta xjentifika dwar l-esteri tal-aċidu montaniku (E 912) (⁴) billi stiednet lill-partijiet interessati biex sal-1 ta' Ġunju 2012 iressqu d-dejta mitluba jew jaġħu informazzjoni.

(¹) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16.

(²) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 tad-9 ta' Marzu 2012 li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elen-kati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 83, 22.3.2012, p. 1).

(³) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 257/2010 tal-25 ta' Marzu 2010 li jistabbilixxi programm għar-rivalutazzjoni tal-addittivi tal-ikel approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-addittivi tal-ikel (ĠU L 80, 26.3.2010, p. 19).

(⁴) <http://www.efsa.europa.eu/en/dataclosed/call/120215a.htm>

- (8) Fis-7 ta' Ġunju 2013 l-Awtorità tat Opinjoni Xjentifika dwar il-valutazzjoni mill-ġdid tal-esteri tal-aċidu montaniku (E 912) bħala addittivi tal-ikel<sup>(1)</sup>. L-opinjoni ddikjarat li ma kienet disponibbli l-ebda dejta dwar it-tossikokinetika u t-tossiċità riproduttiva u tal-iżvilupp tal-esteri tal-aċidu montaniku. Id-dejta disponibbli fuq żmien qasir u t-tossiċità subkronika, il-ġenotossicità u t-tossiċità kronika u l-karċinoġeniċità tal-esteri tal-aċidu montaniku kienu limitati. Ma tressqet l-ebda dejta dwar l-użu. Abbażi ta' dawk il-limitazzjonijiet, l-Awtorità kkonkludiet li l-esteri tal-aċidu montaniku bħala addittiv tal-ikel ma setgħux jiġi evalwati.
- (9) L-Artikolu 6(5) tar-Regolament (UE) Nru 257/2010 jistipula li fejn it-tagħrif meħtieġ għat-testija tal-valutazzjoni mill-ġdid ta' addittiv tal-ikel partikolari ma jingħatax mill-operatur(i) kummerċjali interessati jew kwalunkwe parti interessata oħra lill-Awtorità fi żmien l-iskadenzi stipulati, l-addittiv tal-ikel jista' jitneħħa mil-lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel aprovali skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 10(3) tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008. Għaldaqstant, l-ispeċifikazzjonijiet ta' dan l-addittiv tal-ikel għandhom jitneħħew ukoll mir-Regolament (UE) Nru 231/2012.
- (10) Skont l-Artikolu 10(3) tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, il-lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel aprovali għandha tiġi emendata skont il-proċedura msemija fir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(2)</sup>.
- (11) Skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, il-lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel tista' tiġi aġġornata kemm fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni kif ukoll wara applikazzjoni.
- (12) Għaldaqstant, l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 u l-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012 għandhom jiġu emendati bit-tnejħha tal-esteri tal-aċidu montaniku (E 912) mil-lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel awtorizzati peress li minħabba n-nuqqas ta' evidenza xjentifika riċenti l-inklużjoni tagħhom fil-lista ma għadhiex ġustifikata.
- (13) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kunitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

#### ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

##### *Artikolu 1*

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

##### *Artikolu 2*

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012 huwa emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

##### *Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Ikel li fih esteri tal-aċidu montaniku (E 912) li tqiegħdu fis-suq legalment qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jistgħu jibqgħu jiġi kkummerċjalizzati sakemm il-ħażniet jiġu eżawriti.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Settembru 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

<sup>(1)</sup> EFSA Journal 2013; 11(6):3236.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enżimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 1).

## ANNESS I

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fil-Parti B, it-Taqsima 3 “Addittivi għajr il-kuluri u sustanzi li jagħtu l-ħlewwa”, l-entrata għall-addittiv tal-ikel E 912 hija mħassra;
- (2) Fil-Parti E, fil-kategorija tal-ikel 4.1.1 “Frott u ħxejjex friski, sħaħ”, l-entrata għall-addittiv tal-ikel E 912 hija mħassra.

—  
ANNESS II

Fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012, l-entrata għall-addittiv tal-ikel E 912 hija mħassra.

—————